BIRKIRKARA

Minuti ta' l-erbgħa u ħamsin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru 2016 fis-6 pm.

| | |
|---|---|
| | **Il-Membri** |
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)<br>Is-Sur Michael Fenech Adami<br>Is-Sur Kaylocke Buhagiar<br>Is-Sur Liam Gauci<br>Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenta)<br>Is-Sur Mark George Abdilla<br>Is-Sur Anthony Buttigieg<br>Is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja<br>Is-Sur Herbert Conti<br>Is-Sur John Mizzi<br>Is-Sinjura Marie Claire Zammit<br>Is-Sur John Borg (Assent skużat) |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenta) |
| **<u>L-Uffiċċjal:</u>**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Neil Spiteri |

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur Kaylocke Buhagiar u l-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla. Dr.Josianne Cardona Gatt kienet assenti waqt li s-Sur John Borg kien assent skużat.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien preżenti ċ-*chairperson* is-Sur Matthew Mangion.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenti.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

BIRKIRKARA

## Talba

Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 53

1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 53, ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u wara li s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom, dawn ġew issekondati mill-Kunsillier is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja u approvati unanimament.

## 2. Punti mqajjma mill-minuti

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neil Spiteri qal illi kien se jagħti xi risposti għall-mistoqsijiet li sarulu fil-laqgħa preċedenti.

2.2 Huwa qal illi "Birkirkara maż-Żminijiet" ġiet tiswa b'kollox 9,500euro li 3,000euro minnhom se jiġu rkuprati mid-Dipartiment Gvern Lokali taħt l-iskema ta' l-attivitajiet. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab illi din l-informazzjoni jkollna *breakdown* tagħha skont is-*supplier*, l-ammont minfuq u jekk kinitx bi kwotazzjoni, tender jew *direct order*. Din l-informazzjoni se tingħabar u titqassam b'ittra elettronika.

2.3 Rigward *Imriehel Towers* u l-vot tal-Kunsill fuq il-Bord tal-MEPA, is-Segretarju Eżekuttiv iċċekkja u t-talba ta' vot mis-Sindku saret fil-laqgħa tal-31 ta' Awwissu 2015. Huwa sab ir-*recording* u għaddiha lill-kunsillier is-Sur Mark George Abdilla. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dwar il-vot ta' Mrieħel Towers u min kellu jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-bord tal-MEPA saqsa lid-Dipartiment u dan qal illi ma ħariġx direttivi dwar dan. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-liġi ma tgħidx li min imur fuq il-bord irid ikun rappreżentant tas-Sindku imma tal-Kunsill. Is-Sindku saqsiet jekk allura qabel kull laqgħa tridx tlaqqa' kunsill u tgħaddi mozzjoni biex jinħatar rappreżentant għal-laqgħa. Żvolġiet diskussjoni dwar jekk ir-rappreżentant tal-Kunsill jistax ikun il-perit peress li jkun hemm aspetti tekniċi.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li billi fil-gazzetta qalu li kellu xi kunflitt ta' interess meta ntbagħat huwa mis-Sindku, huwa qal illi din l-akkuża għandha tiġi sostanzjata. Huwa ma naghtax *flats* fi Mriehel Towers u kien qed jagħmel biss xogħlu. Huwa qal li t-tifel tiegħu li huwa ċ-Chairman Eżekuttiv tal-MEPA ma ndaħalx fl-għażla u lanqas biss kellu vot. Apparti minn hekk fil-gazzetta ssemma' ismu bħala Tony u mhux Anthony kif inhu mniżżel bħala Kunsillier u għalhekk l-informazzjoni ħarġet minn hawn. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi r-rapport tal-gazzetta ma nkitibx minnhom. Huwa qal illi bl-istess argument kien jgħid illi l-membri Laburisti tal-Kunsill bagħtu l-ġurnalisti tal-One jiġru warajh fil-lift.

2.5 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab lis-Segretarju Eżekuttiv iġib direzzjoni mid-Dipartiment dwar meta jgħaddu u jiġu approvati l-minuti, dawn ifissrux illi kulħadd ikun qed jaqbel magħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-liġi hija ċara f'dan ir-rigward, u huwa jibgħat il-minuti ġimgħa qabel biex jittieħdu bħala moqrija. Huwa qal li kulħadd għandu d-dritt li jitlob għal xi korrezzjoni imma meta jiġu approvati ma jistgħux jintmessu. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi xterdu gideb illi hu ma kienx jikkomunika mal-Kunsill meta kien Sindku meta hemm il-minuti u l-pagamenti ġew approvati. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-importanti għaliha kien illi l-affarijiet li għamel hu ma jintefgħux fuqha għax dwar id-*desks* diġa l-avvukat tiegħu akkużaha illi hi kienet kompliċi għax bagħtithom lura. Hija qalet li l-pagamenti kienu jiġu approvati skont *tender* imma ġie li saqsiet lill-*accountant,* u anke l-eks segretarju eżekuttiv kien irrapurtah. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li kollox beda mill-mozzjoni li kienet tressqet mill-Kunsilliera Laburisti waqt li s-Sindku qalet li l-mozzjoni kienet mimlija verita'. Is-Sur Fenech Adami qal illi l-kunsilliera ż-żgħar ma kienux jafu għal x'hiex kienu qed jiffirmaw u ġew imġegħla jiffirmaw mis-Sindku. Huwa saqsa lill-Kunsillier is-Sur Liam Gauci dwar dan. Il-Kunsillier

is-Sur Liam Gauci qal li hu kien jaf x'qed jiffirma u l-mozzjoni kienet ċara li l-eks Sindku mar "lil hinn mit-tenders". Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li kien iffirma l-mozzjoni biex toħroġ il-verita'.

2.6 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li suppost bil-liġi meta jitressqu l-pagamenti ma jkunux diġa' saru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm parti mil-liġi li tindirizza din il-problema fejn f'każijiet urġenti jistgħu jsiru pagamenti qabel approvazzjoni. Basta dawn jiġu ċertifikati bħala korretti mis-Segretarju Eżekuttiv u jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss. Is-Segretarju qal illi jekk xi darba ikun ħareġ pagamenti u l-Kunsill ma jgħaddihx hu kien lest li jirrifondi l-ispejjeż kollha. Hu qal li per eżempju kellu jixtri injam b'emerġenza minħabba l-garigor tal-*fire exit* għax kollu kien se jaqa' u kien ta' periklu.

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li s-Sibt 8 ta' Ottubru se ssir serata ta' moda ma' Charles and Ron fil-pjazza quddiem il-Bażilika. Din qed jgħinu fiha Antoine Attard u Terry Muscat u l-qliegħ se jmur għal *Hospice Movement*. Is-serata se ssir taħt il-patroċinju tal-Ministru Owen Bonnici. Il-Kunsill se jarma l-palk u se jikkollabora mal-Baned tal-lokal. Is-Sindku qalet lill-kunsilliera li min irid jistieden xi nies għandu jinfurmana għax l-inviti se joħorġu minn Charles and Ron. Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi staqsa jekk dakinhar hux se jkun hemm xi funzjoni tal-Knisja, u s-Sindku qaltlu biex jinfurmahom b'din id-data ħalli ma jkunx hemm problemi.

3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi se ssir *job fair* nhar is-Sibt 29 ta' Ottubru fil-Kunsill il-ġurnata kollha, fejn kull min se jkun interessat ifittex xi impjieg, se jkollna ħafna kumpaniji taħt saqaf wieħed.

3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi se ssir laqgħa man-nies illi joqogħdu Triq u Misraħ it-Tiġieġ ħalli nisimgħu l-opinjoni tagħhom dwar dak li jridu l-*istreet naming committee* biex jinbidel l-isem minħabba xi konfużjoni li qed tinqala. Il-membri tal-kumitat se jiġu mistiedna wkoll ħalli din il-problema tissolva skont x'jixtiequ r-residenti.

3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi fid-29 ta' Settembru fis-7pm ġejjin il-LESA fejn se jagħmlu diskussjoni dwar it-traffiku u l-problemi relatati mas-sewqan.

## 4. Korrispondenza

4.1 Ma nqratx korripondenza ulterjuri.

## 5. Attendenza Kunsilliera – Rispons mid-Dipartiment

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dwar l-attendenza tal-Kunsilliera Dr.Josianne Cardona Gatt huwa rrapporta lill-Ministru. Il-Ministru reġa' kiteb lid-Direttur u d-Direttur kiteb lill-Kunsill illi hu nuqqas ta' rispett illi l-Kunsill ma ta l-ebda rakkomandazzjoni dwar jekk naħsbux illi l-Kunsilliera Dr. Cardona Gatt qegħda tfalli għal raġuni valida jew le. Kien hemm qbil illi lil Dr. Cardona Gatt insejħulha u niddiskutu magħha din is-sitwazzjoni, ħalli nagħtu risposta.

## 6. Migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku – bord ta' aġġudikazzjoni

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill reġa' staqsa dwar kif għandu jinħatar il-Bord u d-Dipartiment kitbilna lura illi l-Kunsillieri li jkunu fuq il-bord jistgħu jivvutaw fil-Kunsill meta titressaq il-mozzjoni dwar l-għażla. Il-bord ta' l-għażla jista' jkun magħmul ukoll minn persuni li mhumiex kunsilliera. Il-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla qal li nkunu qed ngħaddu messaġġ posittiv jekk jingħażlu nies mhux mill-Kunsill iżda s-Sindku qalet li mbagħad mhux dejjem jiġu speċjalment il-voluntiera.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet jekk il-membri tal-Bord iridux ikunu dejjem l-istess u s-Segretarju qal li ma jidhirlux li għandu jkun hekk.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu bżonn jinħatar l-ewwel bord biex jaġġudika t-tender tal-ġbir ta' skart, liema aġġudikazzjoni trid tibda mill-ġdid. Peress li kien hemm mistoqsija teknika dwar kif tilloggja ġos-sistema, id-deċiżjoni ġiet aġġornata.

## 7. Kuntratt ta' ġbir ta' skart riċiklabbli

7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-kuntratt mal-Greenpak se jiskadi f'Novembru li ġej u għaldaqstant skond il-memo tad-Dipartiment se navviċinaw liż-żewġ skemi bil-liċenzja jiġifieri Greenmt u Greenpak biex jagħtuna l-aħjar offerti tagħhom biex imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi.

## 8. Tender ġdid – *Metal Railing* għall-proġett tal-Wied

8.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għall-proġett tal-Wied illi l-parti l-kbira tiegħu se jkun finanzjat mill-UIF għandna bżonn noħorġu tender ġdid għar-*railings* tal-ħadid bid-disinn. Ix-xogħol fil-Wied se jsir bil-kuntratt tal-V&C u kuntratturi rebbieħa ta' *period tenders* oħra madankollu x-xogħol tal-ħadid mhux fit-tender tal-V&C allura għal dan ix-xogħol irid jinħareġ tender għalih. Kien hemm qbil unanimu.

## 9. Kwotazzjoni Dawl tal-Milied

9.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ kwotazzjoni għad-dawl fit-toroq għall-festi tal-Milied. Il-Kunsill qabel nem. con.

## 10. Kwotazzjonijiet marbuta ma' Ġieħ Birkirkara

10.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ kwotazzjonijiet relatati ma' Ġieħ Birkirkara, it-tinda u s-*sound*. Il-Kunsill qabel nem. con.

## 11. Approvazzjoni tal-Pagamenti, *Petty Cash* u skeda 39

11.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet illi l-iskeda tal-*petty cash* tkun approvata. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekonda u l-mozzjoni għaddiet bla oġġezzjoni.

11.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni skeda 39. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi hemm żball f'pagament numru 8 għax dak kien hemm kwotazzjoni u mhux *direct order*. Il-Kunsilliera kollha qablu li ssir il-korrezzjoni u din saret.

11.3 Rigward pagamenti 107 u 108 lil Gokker, il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġa' jiċċekkja l-kejl tar-*rubber flooring* għax l-*area* tal-ġibjun ma jidhirlux li hi daqsekk kbira, biex tiġi kjarifikata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jerġa' jiċċekkja l-kejl u jekk jinstab tajjeb il-pagament isir.

11.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech staqsiet lill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami għal liema pagamenti kien qed jirrefri fejn is-Segretarju qabad u ħallas. Huwa ġab xi eżempji mill-ewwel paġna bħal żebgħa, bolol u fuel. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li dawn huma ammonti żgħar u ma nistgħux noqgħdu nistennew il-laqgħa biex inħallushom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kemm jista' ma jagħmilx pagamenti imma f'ċertu każijiet eż *fuel* u bolol, u provisti żgħar ta' *ironmongery* ħadd mill-fornituri ma jaċċetta li ma jitħallasx fil-pront. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi fuq tenders, il-ħlasijiet għandhom isiru immedjatament.

BIRKIRKARA

11.5 Wara din id-diskussjoni l-iskeda 39 ġiet approvata nem. con. fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

11.6 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit qalet li kellmuha residenti minn Triq San Ġiljan dwar ix-xogħlijiet tal-Water Services u meta dawn se jispiċċaw. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi ktibna lill-WSC biex inżommuhom responsabbli biex ix-xogħol jingħalaq malajr u talbet lis-Segretarju jgħaddi kopja ta' din l-ittra lill-Kunsilliera s-Sinjura Zammit.

11.7 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit semmiet is-*civic amenity site* ta' l-Imrieħel fejn issa ħarġet regola fejn ma jistax jibqa' jiġi użat minn kulħadd u din taf tikkrejalna problemi. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ssuġerixxa illi niltaqgħu mal-GRTU li jirrappreżentaw il-ħwienet. Din il-proposta ġiet aċċettata.

11.8 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi rigward Triq Bontadini, is-CEO ta' TM qal illi triq Bontadini tiġi tiswa 2 miljun ewro. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv jgħaddi l-istima li kien hemm diġa' taħt il-PPP għax huwa qal illi din ma tiġiex tiswa żewġ miljuni iżda ferm inqas (xi 130,000euro). Skont il-PPP, TM tħallas 70% u l-Kunsill iħallas 30% fuq seba' snin. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi huwa jaqbel illi bi ftehim bħal dan it-triq issir għax inkella m'hu se jsir xejn. Is-Sindku qalet illi anke triq PP Castagna hemm bżonn issir.

11.9 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg qalet illi ġibdulha l-attenzjoni dwar xi sinjali li saru fi Triq iż-Żebbiegħa. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi d-*double yellow lines* hemmhekk saru minħabba ħsarat li kienu qed isiru mal-gallerijiet u meta tkun qegħda ssir il-ħsara ma hemmx bżonn ta' permessi. Jekk xi ħadd irid ineħħi dawn id-*double yellow lines* jagħmlilna karta illi jinżamm responsabbli għal xi inċident.

## 12. Aġġornament

12.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru fis-6pm.

**IFFIRMATA**

Joanne Debono Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv

Segwi l-laqgħat live fuq

http://www.birkirkaralocalcouncil.com/live-feed